MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 72/2002

Joyce Camilleri

vs

Mark Camilleri

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti kkuntrattaw iż-żwieġ tagħhom fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tal-elf disa' mija u tnjen u disgħin (1992) u minn dan iż-żwieġ għandhom tifla jiġifieri Amy ta' erba' (4) snin li twieldet fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u sitta u disgħin (1996);

Illi l-kunsens tal-partijiet u partikolarment tal-konvenut għal dak iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-

dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Illi minħabba f'hekk il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet (jekk qatt jista' jingħad li kien hemm ħajja matrimonjali) tkissret irrimedjabilment u wasslet sabiex jinbdew proċeduri legali ta' separazzjoni fl-ismijiet "Mark Camilleri -vs- Joyce Camilleri" (Citaz. Nru. 45/01).

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992) huwa null u mingħajr ebda effett legali peress li kunsens tal-konvenut għal dak iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi debitament ikkonfermata minnha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi d-domanda attriċi hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut maħlufa minnu.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, fejn wara li ppremetta illi:

1. Illi l-kunsens tal-attriċi għaż-żwieġ mertu ta' din il-kawża kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għall-istess attriċi li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

2. Ukoll illi l-kunsens tal-attriċi għal dan iż-żwieġ inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Talab lill-attriċi tgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:
1. Tiddikjara li ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tal-elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992), huwa null u mingħajr ebda effett legali peress li l-kunsens tal-attriċi għal dak iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għall-istess attriċi li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, kif ukoll il-kunsens tal-attriċi għal dan iz-żwieġ inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjli tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ a tenur ta' l-artikolu 19(1)(d0(f0 tal-kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-attriċi għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut annessa ma' din il-kontro-talba u minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. Illi t-talba tal-konvenut hija kkontestata in kwantu qiegħed jiġi allegat li ż-żwieġ huwa null għal raġunijiet attribwibbli għall-attriċi.

2. Illi l-attriċi kienet ippreparata sabiex tgħix u tifforma familja mal-konvenut. Kien biss minhabba l-immaturita' estrema tal-konvenut u nuqqasijiet oħra serji tiegħu li l-ħajja matrimonjali kienet impossibbli sa mill-bidu. Il-konvenut qatt ma għaraf x'inhu verament ir-rwol tiegħu ta' raġel miżżewweġ u missier u baqa' qatt ma ammetta li familtu hija dik li waqqaf ma' l-esponenti u mhux dik li kien jgħix magħha qabel iżżewweġ.

3. Illi l-eċċipjenti tiċħad bħala infondati fid-dritt u fil-fatt ir-raġunijiet imsemmija mill-konvenut li għalihom qed jitlob li ż-żwieġ ta' bejniethom jiġi dikjarat null.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri u fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti relattiva ta' l-attriċi minnha maħlufa.

Rat l-atti l-oħra kollha, inklużi l-affidavits u dokumenti esebiti, kif ukoll ix-xhieda miġbura fil-kawża fl-ismijiet inversi (ċitaz. numru 45/2001), kopja ta' liema ġiet allegata a tenur tal-verbal tat-30 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal tagħha tas-26 ta' Gunju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-kawża tagħha l-attriċi qed titlob li ż-żwieġ tagħha mal-konvenut jiġi dikjarat null għax allegatament il-kunsens tiegħu għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat b'difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut jopponi t-talba għall-motivi indikati mill-attriċi, imma mbagħad ippropona l-kontro-talba tiegħu fejn talab illi l-istess żwieġ

jiġi dikjarat null għal raġunijiet simili u oħrajn imputabbli għall-attriċi.

Jidher għalhekk illi, għalkemm ma jaqblux fuq il-kawża proprja għall-annullament, hemm qbil bejn il-kontendenti illi dan iż-żwieġ huwa null. Imma din il-Qorti, konformament mal-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati in tema ta' annullament ta' żwieġ[1], xorta waħda ser tgħaddi biex teżamina l-provi prodotti sabiex tara jekk dak allegat ġiex ippruvat sal-grad li trid il-liġi f'materja ċivili.

**PRINĊIPJI NVOLUTI : dottrina u ġurisprudenza**:

Waħda mir-raġunijiet li fuqha l-attriċi qed tibbaża t-talba tagħha, hija dik kontemplata fl-ewwel parti ta' l-artikolu 19(1)(d) tal-liġi msemmjia. Ikun hemm **difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju**, meta xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma jistax jingħad li tbati minn infermita' mentali, tkun daħlet għal din ir-rabta konjugali minghajr maturita' biżżejjed ghaż-żwieġ.

Ġie spjegat illi "*B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta'* ***discretio judicii*** *hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ . Kif jispjega l-ġurista* ***Colagiovann****i:*

*'il matrimonio, in quanto patto ossia '**foedus**' … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta', dato che … si tratta di assumersi una*

---

[1] Ara fost oħrajn, Anna Tonna xebba Vassallo v. Alexander Tonna : Qorti ta' l-Appell 6.11.1991; Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri : Prim'Awla 4.11.1994; Carmel sive Charles Camilleri v. Teresa Camilleri : Prim'Awla : 3.10.1995.

'***servitus'*** *per tutta la vita' . (*Forum, 1990. vol. I part. 1. p. 72*)';*

*Pero', kif ġia ngħad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, d-dottrina u l-ġurisprudenza 'non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cioe' che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cioe' che puo' comportare la vita coniugale, ne un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne in fine una conoscienza perfetta della motivazione della scelta matrimoniale . Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine* ***discrezione di giudizio****, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena'.* (**Pompedda, M. F.** Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski-Pompedda-Zagglia. Il Matromonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico (Padova 1984, p. 46). *Proprju għalhekk ukoll il-leġislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wieħed serju … "* [2]

Hekk ukoll l-Imħallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapaċita' fil-partijiet kontraenti li jilħqu ammont suffiċjenti ta' riflessjoni proporzjonata għall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva meħtieġa għall-istat nuzjali (monito. Ecclesiastices, 108 (1983) 504, u. 2. cfr. Ch. Defebvre:" Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 69, (1980) p. 55 – 7): "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage). A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage. The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement. In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly,*

2 N.A. vs R.A. konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-29.10.1999 (vol. LXXXIII, pt. 2, p. 559) .

*marry the person proposed as his/her spouse. He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1. 61, pp. 864 - 865 n. 3).

L-attriċi tibbaża t-talba tagħha wkoll fuq it-tieni parti tas-sub-inċiż 19(d) tal-kap. 255, u ċioe' li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat ukoll minħabba **anomalija psikoloġika serja li tagħmilha mpossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ**. Hawnhekk il-leġislatur jirrikonoxxi bħala inkapaċita' li jingħata l-kunsens u kawża ta' nullita' taż-żwieġ, massa kumplessa ta' anomaliji psikiċi (li fosthom l-ewlenin, għalkemm mhux l-uniċi, huma disordnijiet psikosesswali) li jaffettwaw il-personalita' tas-suġġetti, liema imkapaċita' mhux neċessarjament tneħħilhom l-użu tar-raġuni, jew tneħħilhom id-diskrezzjoni tal-ġudizzju, imma b'danakollu xorta waħda tirrendihom inkapaċi li jassumu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ b'mod verament kommess u responsabbli.

Il-mod kif tiġi nterpretata l-frażi "**anomalija psikoloġika serja"** huwa importantissimu. Li huwa mportanti biex tipprova m'huwiex daqstant is-serjeta' tal-anomalija psikoloġika daqskemm jekk din tirrendix is-soġġett inkapaċi li jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Din l-inkapaċita' trid tkun assoluta, għax fiż-żwieġ m'hemmx lok għal kunsens parzjalment validu: jew hemm kapaċita' ġuridika sħiħa jew m'hemmx. Huwa mportanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh illi dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali jridu jkunu reċiproċi, permanenti, kontinwi, esklussivi u irrevokabbli. Ikun hemm għalhekk din l-inkapaċita' jekk waħda mill-partijiet tkun, minħabba kawża psikoloġika, inkapaċi li tassumi dawn l-obbligazzjonijiet bil-karatteristiċi essenzjali msemmija.

Billi ż-żwieġ huwa sħubija għall-ħajja kollha tal-koppja miżżewġa, kull parti trid tkun kapaċi tikkomunika intimament fuq il-livell personali. Din il-kapaċita' hija differenti mill-kapaċita' li tipprokura ċertu ammont ta' kuntentizza fiż-żwieġ. Hekk ukoll, falliment *de facto* ta' żwieġ, ma jfissirx awtomatikament inkapaċita' li wieħed jiżżewweġ.

Biex tinvalida żwieġ għal din ir-raġuni, l-inabilita' trid tkun magħġuna fis-*set-up* personali ta' xi waħda mill-partijiet. Id-difett psikiku mhux neċessarjament ikun patoloġiku. Imma jrid ikun verament il-"kawża" li l-"effett" inevitabbli tagħha li jħarbat ir-relazzjoni maritali. Għalhekk irid ikun gravi (seriously disabling). L-inabilita' trid tkun tali li mhux biss tirrendi ż-żwieġ diffiċċli, imma impossibbli, u trid tkun teżisti qabel iż-żwieġ.

**L-obbligi u l-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa** ġew deskritti bil-mod segwenti:

"… *the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman; mutual well-being, which is inseperable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties, should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*[3].

Il-konvenut, da parti tiegħu, minbarra r-raġunijiet elenkati fil-paragrafu 19(d) tal-Kap. 255 imputabbli din id-darba lill-attriċi, iżid ukoll ir-raġuni msemmija fis-sub-inċiż (f) ta' l-

3 P.A. Angela Spiteri xebba Selvagi vs Joseph Spiteri : 4.11.1994, fejn il-Qorti adottat il-kummenti ta' P. J. Viladrich fil-ktieb tiegħu : "Matrimonial Consent in the Code of Canon Law" : Montreal, 1993, p. 687.

istess paragrafu, u ċioe' illi dan iż-żwieġ huwa null għaliex jallega illi l-kunsens ta' l-attriċi kien vizjat ukoll għax inkiseb **bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu u ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ**. Din ir-raġuni hija simili ħafna għal dak kontemplat fl-artikolu 1101(2) tad-Dritt Kanoniku. Taħt dan is-subinċiż, iż-żwieġ jista' jkun null jekk ikun hemm l-esklużjoni pożittiva:

(i) taż-żwieġ innifsu;

(ii) ta' l-elementi essenzjali tiegħu; u

(iii) ta' l-att konjugali.

Wieħed mill-elementi essenzjali taż-Żwieġ huwa ndubbjament dak li fid-dritt Kanoniku isibuh bħala l-***bonum fidei***, u ċioe' l-unita' w indissolubilita' taż-żwieġ. Ingħad f'dan ir-rigward illi:

"*If a person contracts marriage with a deliberate intention of performing the conjugal act with a person other than his consort, he unduly restricts the exclusive right of the latter and consequently contracts invalidly. Moreover, the right to the conjugal act - and so to the communion of life - as an expression and support of the love of the spouses, is permanent and continuous. The right, in short, does not admit of cessation or interruption. Thus, the exclusivity of the right to the body cannot admit periods during which it would disappear*." [4]

Hekk insibu illi fid-deċiżjonijiet tat-tribunali ekkleżjastiċi ġie deċiż illi:
(i) *If before marriage the future spouse had the firm intention of excluding fidelity without any limits and if he or she perseveres in a constant and continuous fashion in this design, there is no question only of a*

4 S.R.R. Dec . coram Anne' January 17, 1967 in IDF, 79 (1968), kif ċitat f'G. Lesage p. 62

*simple presumption, but of the concrete certitude of the exclusion of the right of fidelity*;[5]

(ii) *A fairly evident agrument for the exclusion of the good of fidelity is found in the husband's habit of having relations with a woman that he did not give up at the time of a marriage and continues to support as a mistress.But acts of adultury committed after years or months of marriage, as well as the foresight of a relapse, do not contribute to the proof of the exclusion of the right*;[6]

(iii) *The woman who when marrying has the actual or virtual intention of delivering her body to other men also, though she does not think of giving to these men a right over her body, contracts invalidly since she does not assume the obligation of keeping fidelity*;[7]

(iv) *A woman … who while engaged has comitted fornication … and who right after marriage has indulged in frequent adultery, and who claims she never loved her husband, seems to have excluded fidelity*.[8]

Fil-ġurisprudenza lokali insibu jingħad f'dan ir-rigward illi:

"… *filwaqt li fl-apparenza tkun qed tagħti l-kunsens, minn ġewwa tkun qed teskludi jew l-istess żwieġ jew xi element essenzjali, e.g. li teskludi ħajja* ***till death do us part,*** *tkun qed teskludi element essenzjali skond il-kunċett nisrani taż-żwieġ li għandna nsegwu meta ninterpretaw il-liġi tagħna*." [9]

"*Il-liġi tippresupponi li l-espressjoni estera tal-kunsens hija konformi mar-rieda interna, dan sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju. Is-simulazzjoni totali tikkonsisti fil-fatt li hemm diskrepanza bejn l-att estern u r-rieda interna, per ezempju, meta persuna tagħmilha li qed tiżżewweġ meta*

---

5 J. Denis, "Chronique de Jurisprudence" (contra Bonum Fidei) in Ac, 19 (1975), p.206 - 208

[6] ibid p. 208 .

[7] S.R.R. Dec. coram De Jorio July 13, 1968 in "Il Dolo nel Consenso Matrimoniale" p.227, citat f'G. Lesage p. 62 .

[8] S.R.R.Dec. coram Anne' Decemeber 19, 1969 .

[9] Cali' vs Cali' ; 22.6.1988 .

*hi qed taħseb li hi mhix qed tiżżewweġ (**intentio non contrahendi**). Is-simulazzjoni parzjali taffettwa element partikolari li per eżempju hi l-att pożittiv tar-rieda li teskludi l-kunċett ta' indissolubilita' taż-żwieġ."* [10]

"*Il-kunsens taż-żewġ persuni fir-rabta taż-żwieġ jeħtieġ att volontarju li wieħed konxjament jingħaqad ma' persuna oħra bl-intenzjoni li jgħix ħajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikreja sħubija fejn jagħtu lilhom infushom lil xulxin . Meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjli tiegħu, wieħed irid jifli jekk il-kontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti l-kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda a prioi ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, ċioe' ssimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda a priori ż-żwieġ jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u ċioe' saret simulazzjoni parzjali."* [11]

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinċiż ġie ritenut mill-Qorti tagħna illi l-esklużjoni pożittiva ma kellhiex neċessarjament tirriżulta biss minn xi ħaġa espressa direttament iżda setgħet tiġi espressa bl-imġieba ta' xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*." [12]

Ta' min jinnota hawnhekk illi huwa ferm dubbjuż kemm iż-żewġ raġunijiet indikati mill-konvenut għaliex dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null jistgħux jeżistu flimkien. Dan għaliex ma jistax ikun li xi ħadd jidħol għaż-żwieġ mingħajr ma jkun jaf x'ifisser żwieġ jew x'inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet f'dak iż-żwieġ, u fl-istess ħin joħloq simulazzjoni biex jeskludi xi wieħed jew aktar mid-dmirijiet tal-ħajja miżżewġha.

---

[10] A v B : 8.11.2000 vol.. LXXXIV pt. 3 pag. 171 .

[11] Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard : cit. nru. 571/96 : 15.3.2000

[12] Theresa Taguri nee' Spiteri vs Av. Christopher Cila et noe. cit. nru. 3130/1996; 10.11.1999 .

Madankollu l-prova ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet msemmija minnu, hija suffiċjenti biex, indipendentement mir-raġuni l-oħra, tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi ważda minn dawn ir-raġunijiet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-żwieġ (Kap. 255).

**PROVI**

Fil-każ in eżami nsibu illi l-partijiet kienu bdew jiffrekwentaw lil xulxin xi seba' snin qabel ma żżewġu. Iż-żwieġ ġie ċelebrat fil-28 ta' Settembru 1992, meta l-attriċi kellha 22 sena u l-konvenut kellu 28 sena. Minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom tifla waħda, li twieldet erba' snin wara li żżewġu. Marru joqgħodu f'post li, għalkemm il-konvenut kien jgħid li kien tiegħu, infatti kien misluf lilu mill-ġenituri tiegħu. L-ispejjeż tal-moderniżżar u attrezzar tad-dar residenzjali sar a spejjeż komuni. Il-kontendenti t-tnejn baqgħu jaħdmu wara li żżewġu, ir-raġel bħala bennej ma' missieru u anke b'*part-time job* iqiegħed prodotti tal-ġebel fid-djar, u l-mara bħala *sales girl*. Wara li twieldet it-tifla, l-attriċi segwiet ukoll b'suċċess kors universitarju minn fejn ikkwalifikat bħala *nurse*.

In sostenn tar-raġunijiet minnha ndikati għall-annullament ta' dan iż-żwieġ, **l-attriċi** ssemmi n-nuqqas tal-konvenut li jibni relazzjoni konjugali b'saħħitha ma' martu, dik li komunement tissejjaħ mill-awturi u l-ġurispurdenza kanonika u ċivili: "*a community of life and love*." Hija tispjega illi:

"*Sa mill-bidu taż-żwieġ, Mark beda jevita kemm jista' milli joqgħod id-dar. Normalment kien jaħdem mit-Tnejn sal-Gimgħa. Bejn xogħol, qadjiet u xogħol tal-Medistone kien jibqa' barra sa tard filgħaxija. Kien jidħol sad-dar u joħroġ jiġri 'l barra u jmur lejn il-każin … hemmhekk idum sal-ħdax ta' bil-lejl. Biż-żmien lanqas baqa' jiekol dejjem mid-dar u kien jgħid li jien ma nafx insajjar u għandi bżonn nitgħallem mingħand ommu. Fil-weekends u fil-festi*

*pubbliċi kien jara xi skuża jivvinta biex jitlaq ġurnata 'l barra mid-dar. Sikwit kien jaqbad u jmur ġurnata waħdu l-baħar, anke Kemmuna. Għamel ftit żmien li fih kien imur ukoll għar-rave parties u kien jirritorna d-dar tard ħafna bil-lejl*." [13]

Dwar il-perijodu tat-tqala tagħha l-attriċi fissret illi:

"*Sakemm domt tqila, la Mark u l-inqas il-familja tiegħu ma kienu jissaportjawni. F'dan iż-żmien jien kont naħdem ma' Dominic Department Stores bħala salesperson u bqajt naħdem hemm kważi sa l-aħħar tat-tqala. Kelli nagħmel l-aħħar ġimgħat fis-sodda … darba minnhom f'dan iż-żmien Mark mar jiekol barra ma' ċertu Ingliża u ħallieni d-dar waħdi*." [14]

Imbagħad qalet kif meta bdiet tiffrekwenta l-Universita':

"… *kont inqum fil-ħamsa ta' filgħodu nġib lill-ommi mid-dar tagħha għad-dar tiegħi biex toqgħod mat-tifla. Jien u sejra għal ommi kien ikolli immur nixtri l-ħalib u l-ħobz ħalli żewġi jsib l-ikel frisk id-dar. Ommi kienet toqgħod id-dar tagħna prattikament qisha s-seftura ta' Mark; kienet anki ssajjarlu sabiex isibu lest x'ħin jirritorna d-dar wara nofsinhar. Imbagħad x'ħin it-tifla kienet tqum, kienet tmur biha lejn id-dar tagħha u tieħu ħsiebha hemmhekk. Jiena kont nirritorna kuljum minn Malta skond x'ħin inlesti u imbagħad immur niġbor it-tifla mingħand ommi. Sadanittant Mark kien ikun ilu li lesta mix-xogħol u minflok imur jieħu ħsieb it-tifla hu, kien imur jintefa' bħas-soltu l-każin*." [15]

**Omm l-attriċi**, prodotta minnha, prattikament ikkorroborat dak li qalet bintha dwar il-ħajja matrimonjali tagħha[16].

**Il-konvenut,** da parti tiegħu, donnu l-aktar li lmenta kien dwar in-nuqqas ta' *good house-keeping* fil-mara tiegħu. Fi kliemu:

---

[13] ara affidavit ta' l-attriċi a fol. 18 - 22 tal-process .
[14] ibid.
[15] ibid.
[16] ara affidavit tagħha a fol. 23 – 25 .

"*Meta kont nidħol lura d-dar mix-xogħol qatt jew rari ħafna li konna niltaqgħu flimkien u dejjem kont nispiċċa waħdi. Komunikazzjoni bejniethna ftit li xejn kien ikollna u aktar ma beda jgħaddi ż-żmien anqas bdejna naraw lil xulxin u l-kuntatti kienu kważi spiċċaw għal kollox. Lil marti qatt ma kont insibha d-dar u dwar it-tisjir u tindif fid-dar ftit li xejn kien jimpurtaha. Meta kienet tagħmel xi ħaġa fid-dar kemm tat-tisjir kif ukoll xi faċendi, kienet turi li tagħmilhom kontra qalbha u bla ebda ħeġġa u nteress. Meta kienet tagħmel xi ħaġa fid-dar, dan kienet tagħlu jew il-għaliex kont ingergrilha jiena wara li nkun xbajt nissaporti l-ħmieġ u l-imbarazz jew għaliex ikunu ġejjin xi mistednin ħbieb tagħna u ma kienitx tkun trid taqa' għaċ-ċajt quddiemhom. Jiena fejn stajt kont imidt idejja u ħafna drabi l-art kont naħsilha jiena u kont infarfar jiena, iżda billi jiena kelli żewġ xogħlijiet, ma tantx kien ikolli ħin wisq li wara x-xogħol immur nagħmel il-faċendi tad-dar. Minkejja dan kont immidt idejja għall-faċendi u kont nagħmel xi faċenda jew kmieni filgħodu qabel ma noħroġ għax-xogħol jew tard filgħaxija minflok ma kont nintefa' quddiem it-television. Kont nirvilla meta marti minkejja li kienet tarani immidt idi għall-faċendi, ma kienet tindenja ruħha tgħinni f'xejn u mhux talli hekk talli lanqas kienet turini ebda rispett billi kemm jista' jkun ma terġax tħammeġ, iżda wara ftit ġranet id-dar kienet terġa' tkun f'diżordni.*

*A rigward tat-tisjir għall-ewwel ftit xhur tal-ħajja miżżewġa Joyce kienet tipprova ssajjar iżda la kien jimpurtaha jekk l-ikel ġiex misjur iżżejjed, jew jekk baqgħax nej, jew kienx inħaraq, la jekk kienx ġie tajjeb u lanqas jekk ġiex ħażin. Minn dan l-ikel hija ftit li xejn kienet tiekol billi hi kienet tiekol għand ommha u meta kont niġbdilha l-attenzjoni biex toqgħod ftit attenta, hija kienet taħtafni bl-għajjat u kienet tibda targumenta u tgerger, u kont nispiċċa nagħlaq ħalqi biex nevita ġlieda kbira … .*" [17]

In sostenn tat-tieni raġuni li fuqha bbaża t-talba tiegħu għall-annullament ta' dan iż-żwieġ, il-konvenut spjega kif, meta ġew biex jiżżewġu l-attriċi kienet: "… *għamlithieli ċara anzi kundizzjoni li ma riditx li jkollha tfal. Riedet*

[17] ara affidavit tal-konvenut a fol. 41 – 47 .

*tibqa' mingħajr tfal. Jiena din il-kundizzjoni xejn ma kienet għoġbitni u bejni u bejn ruħi ħsibt li forsi għad tibdel fehemtha u baqjt qatt ma ddiskutejt magħha bis-serjeta' dwar dan. Naf li meta kont insemmilha t-tfal u li ż-żwieġ mingħajr tfal ma kien xejn, hi kienet tinfexx f'ħafna rabbja u argumenti bla sens, u li riedet tgħix ħajjitha fil-liberta' u mingħajr il-piż tat-tfal* … " [18] Imma mbagħad in kontro-eżami kkjarifika illi: "*li qalet li ma jkollniex tfal sa żmien sentejn. Jien kont aċċettajtha dik jiena.*" [19]

Il-konvenut indirettament jaċċenna wkoll għall-allegata infedelta' ta' martu, u dana peress illi f'okkażjoni meta hija kienet imsiefra ma' ommha, kienu nstabulha xi *condoms* ġo l-*handbag* tagħha, u huwa sostna illi hu qatt ma nqeda b'kontraċettivi simili.

Il-konvenut ressaq ukoll diversi ġirien li kkonfermaw li kienu jarawh jagħmel il-faċendi fil-faċċata tad-dar tiegħu u ta' sikwit jippassiġġa bil-tifla miegħu. [20]

Mill-provi li ġew prodotti, l-Qorti trid issa tara jekk teżistix xi waħda jew aktar mir-raġunijiet li fuqhom il-kontendenti qed jibbażaw t-talba rispettiva tagħhom sabiex tinkiseb dikjarazzjoni ta' nullita' ta' dan iż-żwieġ. Ma jistax ma jiġix enfasiżżat illi: "i*s-soċjeta' għandha tipproteġi ż-żwieġ u min javvanza xi pretensjoni dwar nullita' ta' żwieġ għandu jagħmel dan bl-aktar mod serju u bi provi konkreti, u mhux b'mod leġġer u inkonvinċenti*."[21] Hekk ukoll ġie diversi drabi ribadit illi: "*Iż-żwieġ għas-soċjeta' mhux rabta ċoff iżda rabta għoqda u biex tinħall din l-għoqda l-Qorti ma tistax toqgħod biss fil-każ li għandha quddiemha fuq dak li l-attur appellant sejjaħ il-konfessjoni ġudizzjali tiegħu, sija pure ġuramentata, iżda jeħtieġ li kwalunkwe dikjarazzjoni tiegħu tiġi kkorroborata u sostanzjata bi provi oħra li huma biżżejjed biex jipproduċu fil-ġudikant il-konvinzjoni morali meħtieġa li verament il-kunsens ta' l-attur appellant kien*

[18] ibid.
[19] ara kontro-ezami tal-konvenut tat-28 ta' Marzu 2007 ; ara wkoll xhieda tiegħu fil-kawża : ċitaz. 45/2001 a fol. 105 .
[20] ara depożizzjoni ta' dawn ix-xhieda fl-atti tal-kawża : ċitaz. 45/2001.
[21] M mart AD vs AD : 13.3.1984 kollez. vol. LXVIII pt. 3 p. 49.

*ivvizzjat fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta*[22]*.*

Jirriżulta illi l-ilmenti msemmija sew minn naħa kif ukoll mill-oħra dwar in-nuqqas ta' nteress fil-ħajja domestika, huma iżjed validi sabiex tiġi dikjarata s-separazzjoni milli għall-annulament ta' żwieġ a bażi ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja matrimonjali. Huwa ovvju illi hawnhekk kellna każ klassiku ta' koppja li kienet iżjed iddedikata għax-xogħol personali milli għall-ġabra fil-familja. Ir-raġel tista' tgħid illi kien għadu tat-tip tradizzjonali illi jippretendi illi post il-mara huwa fid-dar, tagħmel il-faċendi, issajjar u trabbi t-tfal, mentri l-rwol tiegħu huwa li jaħdem kemm jista' biex iġib il-flus ħalli jmantni sew lill-familja. Minn naħa l-oħra l-mara, b'mentalita' iżjed moderna minn tiegħu, ma kellha ebda intenzjoni illi tieqaf taħdem wara li tiżżewweġ. Anzi kienet ambizzjuża biżżejjed li ma riditx illi t-twelid mhux ippjanat tat-tifla, ifixklilha l-pjanijiet tagħha li tkompli tistudja u ttejjeb il-pożizzjoni tagħha. Minħabba illi t-tnejn li huma kienu jagħmlu ħafna ħin barra mid-dar, kien hemmn nuqqas kbir ta' komunikazzjoni bejniethom illi x'aktarx kienet il-kawża ewlenija tat-tifrik ta' dan iż-żwieġ. B'danakollu ma jfissirx illi dawn in-nuqqasijiet miż-żewġ naħat jistgħu qatt ifissru illi xi ħadd minnhom kellu xi mankanza serja ta' diskrezzjoni, kif imfissra hawn fuq, illi setgħet twassal għad-dikjarazzjoni ta' nullita' tżz-żwieġ tagħhom.

Imma barra minn hekk hemm ukoll żewġ allegazzjonijiet serji tar-raġel u ċioe' illi l-mara ma rieditx tfal u l-adulterju. Irriżulta pero' *ex admissis* mill-konvenut illi martu ma eskluditx it-tfal miż-żwieġ, imma biss li ma xtaqitx tfal qabel ma tkun laħqet l-anbizzjonijiet tagħha u li huwa kien lest jirrispetta din ix-xewqa. Ma jfissrx b'daqshekk illi kien hemm l-esklużjoni pożittiva ta' xi waħda mill-elementi taż-żwieġ. Kif intqal mill-Qrati tagħna: "*Jiġi sottolineat li l-postponiment tat-tfal jew l-astensjoni mill-eżerċizzju ta' dan id-dritt jew mit-twettieq tad-dover tal-prokrejazzjoni -*

[22] Appell.Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia : 28.7.1987 kollez . Vol.. LXXI. pt. 2 p. 212 .

*dejjem pero' fir-rikonoxximent ta' l-eżistenza ta' tali dritt u dover - kif ukoll l-esklużjoni tad-dritt u tad-dover in diżamina, pero' f'xi żmien wara l-għoti tal-kunsens matrimonjali, ma jwassalx għan-nullita' taż-żwieġ."* [23]

L-istess fir-rigward ta' l-adulterju. Apparti illi dan qatt ma ġie ppruvat, għax kien hemm biss suspetti minħabba s-sejba tal-*condoms* fil-*handbag* ta' l-attriċi, sakemm ma jiġix ippruvat illi meta żżewġet l-attriċi ma kellhiex l-intenzjoni li tkun fidila u leali lejn ir-raġel tagħha, dan fih innifsu ma jista' jfisser xejn, ħlief illi l-mara setgħet fittxet kumpanija ta' xi ħaddieħor ġialadarba r-relazzjoni ma żewġha ma rnexxietx.

Għalhekk lanqas f'dan ir-rigward il-konvenut ma ressaq ebda prova sodisfaċenti li tissussisti xi raġuni minn dawk minnu msemmija fil-kontro-talba tiegħu għall-annullament.

Għaldaqstant billi ma rriżultat ebda waħda mir-raġunijiet ndikati mill-kontendenti għaliex dan iż-żwieġ għandu jiġi dikjarat null, din il-kawża ma tistax tirnexxi, kif lanqas ma tista l-kontro-ċitazzjoni tal-konvenut.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż relattivi kontra l-istess attriċi, u tiċħad ukoll il-kontro-talba tal-konvenut, bl-ispejjeż relattivi kontra tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[23] Prim'Awla : Bernardette Debono vs Mario Debono : 16.9.1996 .